Minuti tal-Laqgħa Nru. 13 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 22 ta' Diċembru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Joe Galea |
| | Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Skużati | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Galea semma li punt 3.2 tirreferi għat talk li ssir lill-anzjani kull xahar u mhux xi talk partikulari.

1.2 Il-Kunsillier Galea semma wkoll li l-Kunsilliera Schembri kienet baghtet lill xi persuni biex tara humiex interessati biex tkun tista toħloq Sotto Kumitat.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Bilboards**

2.1 Is-Sindku semma li fuq il-bilboards issa kif jgħaddu l-festi u jasal Jannar nieħdu azzjoni permezz tal-MEPA.

2.2 Il-Kunsillier Chetcuti semma li l-gabbana li kien hemm tneħħiet.

**Ħamiem**

2.3 Is-Sindku semma li fuq il-ħamiem issa irridu nsibu data u nikkordinaw mal-Għaqda tal-ħamiem wara li jgħaddu l-festi. Il-Kunsillier Chetcuti issuġġerixxa biex din il-ħaġa ssir għall nofs Jannar. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Chetcuti biex jiċċekkja sewwa fejn dawn il-ħamiem jinstabu.

2.4 Il-Kunsillier Cardona semma li hemm biċċa art li fiha qed ikun hemm persuna li kemm il-darba din rawha titma l-ħamiem. Huwa semma nistgħux nsibu minn huwa sid din l-art u nkellmuh biex jieħu passi u ma jibqax ikun hemm minn jitma l-ħamiem. Huwa semma wkoll li peress li din l-art hija kbira tista tintuża għall parkeġġ.

2.5 Il-Kunsillier Chetcuti semma biex nippruvaw nibdew dan ix-xogħol għal nofs Jannar.

**Il-Kunsillier Hewitt ġie fis-6.30 pm.**

**Is-Sindku informa li l-Viċi Sindku kien infurmah li mar il-polyclinic u ma setax jattendi għall laqgħa għax ħassu ma jiflaħx.**

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Parkeġġ

3.1 Il-Kunsillier Galea semma li hemm bus shelter fi Triq l-Msida li dan għandu bżonn jitneħħa anki peress li dan għandu ħġieġa mkissra.

3.2 Is-Sindku semma li minħabba l-problema tal-parkeġġ hemm bżonn li nkellmu lill-Baruni. Huwa qal li nistgħu nkellmuh għall Jannar.

3.3 Il-Kunsillier Galea semma li hemm art imdaqqsa fejn ikun hemm il-kummiedja u semma li dan l-art tkun ideali biex isir parkeġġ fiha.

3.4 Is-Sindku semma li fuq l-art fejn hemm il-ġibjun hemm minn qed jiċċekkja fuqha minn naħa tat-Transport Malta u li huwa qed jistenna risposta fuqha.

3.5 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq l-art fejn hemm il-pumping station. Is-Sindku semma li din tal-Gvern u jaqbel li kif jgħaddu l-festi nagħmlu kuntatt biex nibdew nikkordinaw dan il-proġett.

### Attivita Kulturali

3.6 Is-Sindku semma li fuq l-applikazzjoni tal-attivitajiet kulturali għadna qed nistennew risposta biex naraw jekk il-proposta tal-Kunsill fuq l-attivita ġietx magħżula.

### Xogħolijiet u lmenti

3.7 Il-Kunsillier Cardona semma li t-tappiera ta' fejn il-Milano Due baqgħet ma saritx. Is-Sindku qal biex fuq din nikkordinaw mal-kuntrattur biex ma tibqax pendenti. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Chetcuti biex jikkordina flimkien mal-Kunsillier Cardona fuq dan ir-rigward.

### Librerija

3.8 Fuq il-librerija s-Sindku semma li se nitkellmu aktar ma Charlon fuqha u jintlaħaq qbil mal-FTS biex dawn jirranġawha.

### Lezzjonijiet ġewwa d-Daycentre

3.9 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna mat-tutor li kienet qed tagħmel il-course tal-cooking. Is-Sindku qal li din konna għadna ma kellimnihiex. Il-Kunsillier Galea qal biex nipproponula ħalli tagħmel lezzjonijiet daqs kemm kienet qed tagħmel it-tutor l-oħra fil-courses l-oħrajn.

3.10 Il-Kunsillier Cardona issuġġerrixxa biex isiru lezzjonijiet differenti minn dawk li saru s' issa bħala suġġetti. Huwa qal li kien iltaqa ma persuna mill-Gżira stess li kienet toffri li jsiru courses tal-First Aid b' xejn u jkun hemm ċertifikat ukoll.

**Il-Kunsilliera Schembri u l-Kunsillier Hewitt avżaw lis-Sindku biex jiskużahom fis-7.30 pm.**

## 4.0 PROGRESS

### Traffic Management

4.1 Fuq il-kwistjoni tat-traffic management li kien propost it-Transport Malta talbet li jkun hemm public consultation fuq il-każ.

4.2 Is-Sindku semma kieku ssir mappa li titwaħħal ġewwa l-Kunsill biex kull minn ikun interessat jkun jista jara l-proposti kif inhuma. Hawnhekk ikun hawn ukoll kaxxa biex kull min għandu xi proposta jitfagħha fiha.

4.3 Il-Kunsillier Galea semma li jkun jaqbel li ssir din tat-traffic management wara li ssir il-flyover. Is-Sindku qal li l-idea li jkun hemm dan it-traffic management biex ikun jista jtaffi l-problema waqt li jkun għaddej il-proġett tal-flyover.

4.4 Il-Kunsiller Hewitt semma li nistgħu niċċekkjaw ma Transport Malta meta se ssir Triq Reggie Miller biex ikun jista jgħaddi t-traffiku minnha.

4.5 Il-Kunsillier Galea qal li kien hemm uffiċċjali minn naħa tat-Transport Malta li biddlu l-ġenb fejn isir il-parkeġġ fi Triq Carlo Manche. Huwa qal li ħadd minhom ma nforma l-Kunsill u huwa kien induna għax kien mar fuq il-post.

4.6 Il-Kunsillier Cardona qal li rridu naraw sew fejn isiru l-parking bays fejn hemm Benny Antiques qabel ma dawn isiru.

4.7 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk hemmx xi informazzjoni meta Triq San Ġorġ se tkun annessa. Is-Sindku qal li għad m' hemmx informazzjoni fuqha.

### Tenders

4.8 Is-Sindku informa li huwa kien għadu kif irċieva komunikazzjoni li l-Viċi Sindku kellu jmur il-Poly Clinic għax ħassu ma jiflaħx u kien għalhekk li huwa m' attendiex għal laqgħa.

4.9 Dwar it-tender tal-knies is-Sindku qal li baqa mingħajr risposta minn naħa tal-Onor Buontempo u għalhekk huwa qal li jista jerġa jnħareġ dan it-tender.

4.10 Il-Kunsillier Hewitt semma li dawk il-ħaddiema li se jkunu assenjati fuq il-Gzira ikollna l-ismijiet tagħhom. Dawn ikollhom ukoll lista ta toroq li jridu jinkinsu u jkunu monitored biex b' hekk inkunu nistgħu nsegwu x-xogħol sewwa.

4.11 Is-Sindku semma li issa kif naslu biex noħorġu t-tender niltaqgħu qabel u niddiskutu l-bżonnijiet tal-Kunsill.

4.12 Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni ideali hija li jkun hemm persuna minn kull triq li tirraporta lill-Kunsill jekk ikun hemm xi nuqqasijiet fit-tindif. Din trid tkun persuna ta' fiduċja.

4.13 Is-Sindku semma biex nippruvaw inkellmu lil tal-ħwienet biex dawn inħeġġuhom sabiex ikollhom ash tray fejn il-bieb biex il-klijenti tagħhom jużaw lilha u jnaqqsu l-ħmieġ.

4.14 Is-Sindku semma wkoll biex minn jintgħażel sabiex jagħmel ix-xogħol tal-knies darba fix-xahar jaħsel it-toroq u l-kenniesa jkunu attrezatti bil-vacuums.

4.15 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq il-kuntratt li kellu tal-ġbir tal-iskart kif kien baqa l-Kunsill fuqu. Is-Sindku qal li dan kien lest u konna se nikkuntattjaw lill-kuntrattur biex dan jiffirmah u nippreżentawh waqt il-laqgħa.

**Ħaddiema tal-Kunsill**

4.16 Is-Segretarju semma li huwa kien kellem lid-Direttur dwar Marion Monaco fejn dan qallu li hemm stipulat li skont il-PSMC din ma tistax tkun ingaġġata mal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju issuġġerrixxa li fuq dan il-każ l-aħjar inkellmu lil Ministru direttament.

4.17 Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk Marion terġa tkun re instated lura l-Kunsill din hux se titħallas b' lura. Is-Sindku qallu li Kunsill iħallas minn meta persuna tkun ingaġġata mal-Kunsill.

4.18 Is-Sindku semma li r-Reġjun li minnu tifforma parti l-Gżira se jkollu grupp ta' ħaddiema tal-IPSL għad dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li se jkellem lir-Reġjun fuq il-bżonnijiet tal-Kunsill biex dawn jagħtu l-għajnuna tagħhom.

4.19 Il-Kunsillier Chetcuti semma li l-ħaddiema tal-ETC se jkun hemm xi tibdil minn naħa tal-ETC stess.

**Website**

4.20 Is-Sindku reġa appella li l-website kważi lesta u appella lill-Kunsilliera biex jissottomettu kontenut li jista jkun ippubblikkat fuqha.

**Performance Bonus**

4.21 Wara diskussjoni fuq il-ħaddiema tal-Kunsill dwar il-performance bonus, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera li l-performance tas-Sur. Fabian Borg kienet tajba ħafna u għalhekk jistħoqqlu full jiġifieri 6%. Fil-każ ta Denise Vella din kienet dipendenti ħafna u kien hemm lok għall aktar improvement u li għalhekk ġie deċiż li tingħata 3%.

4.22 Is-Segretarju semma li fuq Denise huwa kien se jerġa jiċċekkja biex jara jekk kienx sar improvement minn meta kienu kellmuha.

**Proġett tax-Xatt**

4.23 Is-Sindku semma li kif jgħaddu l-festi nagħmlu laqgħa ma tal-ħwienet fejn hemm ix-Xatt biex nikkordinaw flimkien magħhom dwar il-proġett tal-bankina.

4.24 Il-Kunsillier Hewitt semma biex nagħmlu laqgħa ta konsultazzjoni mas-sidien tal-ħwienet. Is-Sindku qal li din tkun idea tajba imma li jkun hemm kontroll fiha bħala diskussjoni.

4.25 Is-Sindku semma li nistgħu noħorġu t-tender tal-Bandli u jinqasam f' partijiet differenti. Is-Segretarju semma li se jibgħat email lil-Perit biex jispjegalu l-ħsieb tal-Kunsill.

## 5 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-pagamenti.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2015 fit-8.20 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum _______________________ 2015.

_____________________ Conrad Borg Manché, Sindku

_____________________ Michael Portelli, Aġent Segretarju Eżekuttiv